KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fit-13 ta' Settembru 2018 [1]

Kawżi magħquda C-262/17, C-263/17 u C-273/17

Solvay Chimica Italia SpA
Solvay Specialty Polymers Italy SpA
Solvay Chimica Bussi SpA
Fenice - Qualità per l'ambiente SpA
Ferrari F.lli Lunelli SpA
Erg Power Srl
Erg Power Generation SpA
Eni SpA
Enipower SpA (C-262/17)
Whirlpool Europe Srl
Fenice - Qualità Per L'ambiente SpA
FCA Italy SpA
FCA Group Purchasing Srl
FCA Melfi SpA
Barilla G. e R. Fratelli SpA
Versalis SpA (C-263/17)
Sol Gas Primari Srl (C-273/17)
vs
Autorità per l'energia elettrica, il gas e il sistema idrico
partijiet magħquda:
Terna SpA,
Nuova Solmine SpA,
American Husky III,
Inovyn Produzione Italia SpA,
Sasol,
Radici Chimica SpA,
La Vecchia Soc. cons. a r.l.,
Santa Margherita e Kettmeir e Cantine Torresella SpA,
Zignago Vetro SpA,
Chemisol Italia Srl,
Vinavil SpA,
Italgen SpA,
Arkema Srl,
Yara Italia SpA,
Ineos Manufacturing Italia SpA,
ENEL Distribuzione SpA,
CSEA – Cassa per i servizi energetici e ambientali,
Ministero dello Sviluppo Economico,
Terna SpA,
CSEA – Cassa per i servizi energetici e ambientali,

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

Ministero dello Sviluppo Economico,
ENEL Distribuzione SpA,
Terna SpA,
Ministero dello Sviluppo Economico

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lombardia, l-Italja))

(Suq intern tal-elettriku — Direttiva 2009/72/KE — Sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa — Kunċett ta' sistema ta' distribuzzjoni — Setgħa mogħtija lill-Istati Membri sabiex jeżentaw operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa minn ċerti rekwiżiti — Aċċess għal terzi — Tariffi ta' dispaċċ)

1. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tinterpreta l-kunċett ta' "sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa" tal-elettriku fis-sens tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/72/KE[2]. Dan il-kunċett ġie introdott fid-dritt sekondarju tal-Unjoni wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża citiworks[3].

2. Fil-kawża citiworks, id-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja kienet jekk l-obbligu impost fuq l-Istati Membri bl-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/54/KE[4], issa l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72, sabiex jiġi żgurat li jingħata aċċess miftuħ għal sistemi ta' trasmissjoni u distribuzzjoni[5], japplikax għal sistema li tipprovdi l-elettriku lill-operatur tagħha *biss*, il-korp ta' tmexxija tal-ajruport ta' Leipzig/Halle u lil 93 impriża oħra stabbiliti fis-sit ta' dak l-ajruport. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel nett, li tali sistema kellha titqies bħala sistema ta' distribuzzjoni, peress li d-Direttiva 2003/54 ma kinitx stabbilixxiet kundizzjonijiet li kienu jirrigwardaw kemm kien jiġi prodott u kkonsmat elettriku. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/54 kien japplika għas-sistema inkwistjoni minħabba li aċċess miftuħ għal terzi għal sistemi ta' distribuzzjoni kien wieħed mill-miżuri essenzjali li l-Istati Membri kellhom jimplimentaw sabiex iwettqu s-suq intern fl-elettriku, u dik is-sistema ma kienet taqa' fl-ambitu ta' ebda eċċezzjoni jew deroga mill-obbligu li jingħata aċċess miftuħ kif stabbilit mid-Direttiva 2003/54[6].

3. Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża citiworks kiber it-tħassib li r-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/54 kienu tqal wisq għal operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni bħal dik inkwistjoni f'dik is-sentenza[7].

4. Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/72 introduċiet il-kunċett ta' "sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa", li l-operaturi tagħhom huma eliġibbli għal eżenzjoni minn ċerti obbligi previsti f'din id-direttiva. Skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/72, sistema ta' distribuzzjoni magħluqa hija sistema li, l-ewwel nett, tiddistribwixxi l-elettriku f'sit ta' servizzi industrijali, kummerċjali jew it-tnejn, ikkonfinat geografikament, u, it-tieni nett, jew tissupplixxi lil utenti b'operazzjonijiet integrati jew bi proċess ta' produzzjoni integrat, jew tiddistribwixxi l-elettriku l-ewwel nett lill-proprjetarju jew lill-operatur tas-sistema jew lill-impriżi relatati tagħhom. Skont l-istess dispożizzjoni, l-Istati Membri jistgħu

2 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009 L 211, p. 55).

3 Sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298).

4 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li ħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 211).

5 Għandi nispeċifika li, filwaqt li "trasmissjoni" hija "it-trasport tal-elettriku fuq is-sistema ta' vultaġġ qawwi ħafna u s-sistema interkonnessa ta' vultaġġ għoli", "distribuzzjoni" hija s-sistemi ta' "trasport tal-elettriku fuq sistemi ta' distribuzzjoni ta' vultaġġ għoli, vultaġġ medju u vultaġġ baxx", (ara l-Artikolu 2(3) u (5) tad-Direttiva 2009/72).

6 Sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298, punti 44, 49, 55 u 64).

7 Taqsima 5.1 tan-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni, tal-22 ta' Jannar 2010, dwar is-swieq bl-imnut tad-Direttiva 2009/72, u d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li ħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU 2009 L 211, p. 94) (iktar 'il quddiem in-"nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar swieq bl-imnut"). Din in-nota tinsab fis-sit internet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Enerġija fl-indirizz li ġej: https://ec.europa.eu/energy/en/home.

jeżentaw tali sistemi, l-ewwel nett, mir-rekwiżit tal-Artikolu 25(5) ta' din id-direttiva sabiex jiksbu enerġija biex ikopru telf ta' enerġija u jippreservaw din il-kapaċità skont proċeduri trasparenti, nondiskriminatorji u bbażati fuq is-suq u, it-tieni nett, mir-rekwiżit skont l-Artikolu 32(1) tal-istess direttiva li tariffi jew il-metodoloġiji tagħhom ikunu approvati mill-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti qabel ma jidħlu fis-seħħ [8].

5. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tinterpreta għall-ewwel darba l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/72 permezz ta' rinviju mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lombardia, l-Italja). Hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Qiegħda tistaqsi wkoll dwar jekk operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa għandhomx jagħtu aċċess miftuħ lil terzi, u jekk jistgħux jiġu eżentati minn obbligi għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/72. Fl-aħħar nett, hija tistaqsi dwar jekk l-utenti tas-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa jistgħux ikunu suġġetti għar-regoli li japplikaw għall-utenti tan-netwerk pubbliku [9] fir-rigward ta' tariffi ta' dispaċċ.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

6. L-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/72, bit-titolu "Sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa" jipprovdi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew awtoritajiet kompetenti oħra jikklassifikaw sistema li tqassam l-elettriku fi ħdan sit ġeografikament imwarrab, li jkun industrijali, kummerċjali jew maqsum, u mingħajr preġudizzju għall-Paragrafu 4, ma jipprovdix klijenti fi djar bħala sistema ta' distribuzzjoni magħluqa jekk:

(a) għal raġunijiet tekniċi speċifiċi, l-operazzjonijiet jew il-proċess ta' produzzjoni tal-utenti ta' dik is-sistema jkunu integrati; jew;

(b) dik is-sistema tqassam l-elettriku l-ewwelnett lill-proprjetarju jew lill-operatur tas-sistema jew lill-impriżi relatati tagħhom.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li awtoritajiet regolatorji nazzjonali jeżentaw lill-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni magħluqa minn:

(a) l-obbligi tal-Artikolu 25(5) li jakkwista l-enerġija li huwa juża biex ikopri t-telf tal-enerġija u l-kapaċità ta' riżerva fis-sistema tiegħu skont proċeduri trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fuq is-suq;

(b) l-obbligu fl-Artikolu 32(1) li tariffi jew metodoloġiji li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tagħhom jiġu approvati qabel id-dħul fis-seħħ skont l-Artikolu 37.

3. Meta ssir eżenzjoni hekk kif imsemmi fit-tieni paragrafu, it-tariffi applikabbli, jew il-metodoloġiji li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tagħhom, għandhom jiġu riveduti u approvati skont l-Artikolu 37 meta ssir talba għal dan minn utent tas-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa.

4. L-użu inċidentali minn numru żgħir ta' djar b'assoċjazzjonijiet ta' impjieg jew simili mal-proprjetarju tas-sistema ta' distribuzzjoni u li jinsabu fiz-zona servita mis-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa m'għandux jipprekludi eżenzjoni skont il-paragrafu 2 l-għoti ta' dawn l-eżenzjonijiet."

8 Dispożizzjoni simili kienet introdotta fid-Direttiva 2009/73. Ara l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/73.

9 Ara l-punt 35 iktar 'il quddiem.

7. Skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72, bit-titolu "Aċċess minn parti terza" jgħid:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' aċċess għal terzi parti għas-sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni bbażat fuq tariffi ppubblikati, applikabbli għall-klijenti eliġibbli kollha u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk it-tariffi, jew il-metodoloġiji li jkunu sottostanti l-kalkoli tagħhom, ikunu approvati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom konformement mal-Artikolu 37 u li dawk it-tariffi, u l-metodoloġiji — fejn il-metodoloġiji jkunu approvati — jiġu ppubblikati qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

2. L-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni jew ta' distribuzzjoni jista' jirrifjuta l-aċċess fil-każ li ma jkollux il-kapaċità neċessarja. Għal rifjut bħal dan għandhom jingħataw raġunijiet sostanzjati, partikolarment meta jitqies l-Artikolu 3, u bbażati fuq kriterji oġġettivi u ġustifikabbli teknikament u ekonomikament. […]"

8. L-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/72, bit-titolu "Dmirijiet u setgħat tal-awtoritajiet regolatorji", jgħid:

"[…]

6. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikunu responsabbli għall-iffissar jew l-approvazzjoni fi żmien biżżejjed qabel ma jidħlu fis-seħħ għall-inqas tal-metodoloġiji użati sabiex jiġu kkalkulati jew stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet għal:

(a) il-konnessjoni u l-aċċess għan-netwerks nazzjonali, inklużi t-tariffi għat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni jew il-metodoloġiji tagħhom. Dawk it-tariffi jew il-metodoloġiji, għandhom jippermettu li l-investimenti meħtieġa fin-netwerks jsiru b'mod li jippermetti lil dawk l-investimenti jiżguraw il-vijabbiltà tan-netwerks;

(b) il-provvediment ta' servizzi ta' bilanċjar li għandhom jitwettqu bil-mod l-aktar ekonomiku possibbli u jipprovdu inċentivi xierqa biex l-utenti tan-netwerk jibbilanċjaw l-input u l-offtakes tagħhom. Is-servizzi ta' bilanċjar għandhom jingħataw b'mod ġust u mhux diskriminatorju u jkunu msejsa fuq kriterji oġġettivi; u

(c) aċċess għal infrastrutturi transkonfinali, inklużi l-proċeduri għall-allokazzjoni ta' kapaċità u l-immaniġġjar tal-kongestjoni.

7. Il-metodoloġiji jew it-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandhom ikunu ppubblikati.

8. Meta jkunu qed jistipulaw jew japprovaw it-tariffi jew il-metodoloġiji u s-servizzi ta' bilanċjar, l-awtoritajiet regolatorji għandhom jiżguraw li l-operaturi tan-netwerks ta' trasmissjoni u distribuzzjoni jingħataw inċentiva adegwata, kemm fil-perijodu qasir kif ukoll għal fit-tul, biex iżidu l-effiċjenzi, irawmu l-integrazzjoni tas-suq u s-sigurtà tal-provvista u jappoġġaw l-attivitajiet ta' riċerka relatati.

[…]"

B. Id-dritt Taljan

1. Il-Liġi Nru 99/2009

9. L-Artikolu 30(27) tal-Liġi Nru 99/2009[10] jipprovdi:

"Sabiex tiġi żgurata u titjieb il-kwalità tal-provvista tal-elettriku lill-konsumaturi finali konnessi man-netwerk nazzjonali tal-elettriku permezz ta' netwerks privati li jista' jkollhom kapaċità ta' ġenerazzjoni, […], il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku għandu jistabbilixxi, fi żmien 120 jum mid-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, kriterji ġodda għad-definizzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-operatur tan-netwerk, il-kumpanniji konċessjonarji tad-distribuzzjoni, il-proprjetarju tan-netwerks privati u l-konsumatur finali konness ma' dawk in-netwerks. L-awtorità regolatorja għall-elettriku u l-gass għandha timplimenta dawk il-kriterji għall-finijiet ta' bilanċ u ta' ħarsien tad-drittijiet kweżiti, u għandha, f'dan ir-rigward, tieħu inkunsiderazzjoni wkoll il-ħtieġa għal użu razzjonali ta' riżorsi eżistenti."

10. L-Artikolu 33 tal-Liġi Nru 99/2009 jipprovdi tip partikolari ta' netwerks privati, magħrufa bħala "netwerks interni ta' użu" (iktar 'il quddiem "NIU"). L-Artikolu 33(1) tal-Liġi Nru 99/2009 jipprovdi:

"[…] netwerk intern ta' użu (NIU) huwa ddefinit bħala netwerk tal-elettriku li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun netwerk eżistenti fid-data meta din il-liġi tidħol fis-seħħ, jew netwerk li, f'dik id-data, ikun beda jinbena, jew li għalih ikunu nkisbu l-permessi kollha meħtieġa skont ir-regoli fis-seħħ;

(b) iqabbad unitajiet ta' konsum industrijali jew iqabbad unitajiet ta' konsum industrijali u unitajiet ta' ġenerazzjoni tal-elettriku li jkunu funzjonalment essenzjali għall-proċess ta' produzzjoni industrijali, sakemm dawn ikunu f'żoni li jkunu jinsabu fit-territorju ta' mhux iktar minn tliet muniċipalitajiet maġenb xulxin, jew mhux iktar minn tliet provinċji maġenb xulxin, biss fejn unitajiet ta' ġenerazzjoni huma ġġenerati minn sorsi rinnovabbli;

(c) ikun netwerk mhux suġġett għall-obbligu ta' konnessjoni ta' terzi, bla ħsara għad-dritt ta' kull persuna inkluża f'dak in-netwerk li tkun konnessa, bħala alternattiva, man-netwerk, b'obbligu ta' konnessjoni ma' terzi;

(d) imqabbad permezz ta' punt ta' konnessjoni wieħed jew iktar ma' netwerk b'obbligu ta' konnessjoni ta' terzi ma' vultaġġ nominali ta' mhux inqas minn 120 kV;

(e) ikollu persuna responsabbli li taġixxi bħala operatur uniku ta' dak in-netwerk. Din il-persuna tista' tkun differenti mill-persuni li huma proprjetarji tal-unitajiet ta' konsum jew ta' ġenerazzjoni, iżda ma jistax ikollha konċessjonijiet għal trażmissjoni u għad-distribuzzjoni jew id-dispaċċ tal-elettriku."

10 Legge 23 luglio 1999, n. 99 – Disposizioni per lo sviluppo e l'internazionalizzazione delle imprese, nonché in materia di energia (il-Liġi tat-23 ta' Lulju 2009, Nru 99, dwar Miżuri għall-Iżvilupp u l-Internazzjonalizzazzjoni ta' Impriżi, Anki Fir-Rigward tal-Enerġija) (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 99/2009").

2. Id-Digriet Ministerjali tal-10 ta' Diċembru 2010

11. L-Artikolu 30(27) tal-Liġi Nru 99/2009 ġie implimentat permezz tad-Digriet Ministerjali tat-10 ta' Diċembru 2010[11].

12. Id-Digriet Ministerjali tal-10 ta' Diċembru 2010 stabbilixxa, b'mod partikolari, l-obbligi li ġejjin: (i) l-obbligu, għall-operaturi ta' netwerk privat, li konsumaturi finali li jkunu konnessi miegħu jitħallew jitolbu u jiksbu konnessjoni fiżika jew virtwali man-netwerk pubbliku; u (ii) l-obbligu, għall-operaturi ta' netwerk privat, li jitħalla jsir użu tiegħu mill-operaturi tan-network pubbliku sabiex jiġi żgurat id-dritt tal-utenti finali li jiksbu konnessjoni man-netwerk pubbliku.

13. Skont id-digriet tar-rinviju ma hemmx definizzjoni, fid-dritt Taljan, tan-netwerks imsemmija fl-Artikolu 30(27) tal-Liġi Nru 99/2009[12]. Dawk in-netwerks, għalhekk, jikkostitwixxu kategorija residwali, distinta minn IUNs u minn sempliċi sistemi ta' ġenerazzjoni u konsum[13]. Dawn ser isir riferiment għalihom bħala "in-netwerks privati l-oħra".

3. Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011

14. Skont l-Artikolu 38(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011[14]:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet dwar sistemi effiċjenti ta' użu fis-sens tal-Artikolu 2(1)(t) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 115/2008, netwerks interni tal-utenti fis-sens tal-Artikolu 33 tal-Liġi Nru 99/2009 u n-netwerks privati l-oħra fis-sens tal-Artikolu 30(27) tal-Liġi Nru 99/2009 huma sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa […]".

15. Skont id-digriet tar-rinviju, it-terminu "sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa" tal-Artikolu 38(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011 huwa riferiment għall-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/72.

16. L-IUN[15] u n-netwerks privati l-oħra[16] biss jitqiesu, skont id-dritt Taljan, bħala sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa.

17. Skont id-digriet tar-rinviju, is-sistemi previsti fl-Artikolu 2(1)(t) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 115/2008[17] ("is-sistemi effiċjenti ta' użu") u s-sistemi previsti fl-Artikolu 10(2)(b) tal-istess Digriet Leġiżlattiv ("is-sistemi eżistenti ekwivalenti għal sistemi effiċjenti ta' użu") ma jitqisux, skont id-dritt Taljan, bħala sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa.

11 Decreto ministeriale 10 dicembre 2010 – Attuazione dell'articolo 30, comma 27, della legge 23 luglio 2009, n. 99, in materia di rapporti intercorrenti fra i gestori delle reti elettriche, le società di distribuzione in concessione, i proprietari di reti private ed i clienti finali collegati a tali reti (id-Digriet Ministerjali tal-10 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta l-Artikolu 30(27) tal-Liġi Nru 99 tat-23 ta' Lulju 2009 dwar Relazzjonijiet bejn l-Operatur tan-Netwerk, il-Kumpanniji Konċessjonarji ta' Distribuzzjoni, il-Proprjetarji ta' Netwerks Privati u l-Konsumatur Finali Konness ma' dawn in-Netwerks) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Ministerjali tal-10 ta' Diċembru 2010").

12 Minkejja li l-Artikolu 30(27) tal-Liġi Nru 99/2009 ippreveda l-adozzjoni mill-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku ta' kriterji għad-definizzjoni ta' dawk in-netwerks.

13 Ara l-punt 18 iktar 'il quddiem.

14 Decreto legislativo 1 giugno 2011, n. 93 Attuazione delle direttive 2009/72/CE, 2009/73/CE e 2008/92/CE relative a norme comuni per il mercato interno dell'energia elettrica, del gas naturale ed ad una procedura comunitaria sulla trasparenza dei prezzi al consumatore finale industriale di gas e di energia elettrica, nonchè abrogazione delle direttive 2003/54/CE e 2003/55/CE (id-Digriet Leġiżlattiv tal-1 ta' Ġunju 2011, Nru 93, li Jimplimenta d-Direttivi 2009/72/KE, 2009/73/KE u 2008/92/KE dwar Regoli Komuni għas-Suq Intern tal-Elettriku u tal-Gass Naturali, Proċedura Komunitarja Sabiex Titjieb it-Trasparenza tal-Prezzijiet tal-Gass u tal-Elettriku Imposti fuq l-Utenti Finali Industrijali, u li Jħassar id-Direttiva 2003/54/KE u d-Direttiva 2003/55/KE) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011").

15 Ara l-punt 10 iktar 'il fuq.

16 Ara l-punt 13 iktar 'il fuq.

17 Decreto legislative 30 maggio 2008, n. 115 – Attuazione della direttiva 2006/32/CE relative all'efficienza degli usi finali dell'energia e i servizi energetici e abrogazione della direttiva 93/76/CEE (id-Digriet Leġiżlattiv tat-30 ta' Mejju 2008, Nru 115, li Jittrasponi d-Direttiva 2006/32/KE dwar Effiċjenza fl-Użu Finali tal-Enerġija u dwar Servizzi ta' Enerġija u Li Tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/76/KEE) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 115/2008").

18. Sistema effiċjenti ta' użu hija, skont l-Artikolu 2(1)(t) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 115/2008, fil-verżjoni applikabbli meta seħħew il-fatti, "sistema li tqabbad direttament, permezz ta' konnessjoni privata mhux suġġetta għall-obbligu li jingħata aċċess lil terzi, unità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku […] ma' unità ta' konsum li tkun ta' klijent finali wieħed, sakemm dik is-sistema tkun tinsab f'żona li l-proprjetarju tagħha jkun dak il-klijent jew li tkun għad-dispożizzjoni tiegħu. Skont l-Artikolu 10(2)(b) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 115/2008, fil-verżjoni applikabbli meta seħħew il-fatti, sistemi eżistenti ekwivalenti għal sistemi effiċjenti ta' użu huma sistemi "li l-konfigurazzjoni tagħhom tkun konsistenti mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(1)(t), jew li jqabbdu, permezz ta' konnessjoni privata mhux suġġetta għall-obbligu li jingħata aċċess lil terzi, esklużivament unitajiet ta' produzzjoni u konsum tal-elettriku proprjetà tal-istess entità legali". Sistemi effiċjenti ta' użu jitqiesu, flimkien ma' sistemi eżistenti ekwivalenti għal sistemi effiċjenti ta' użu, bħala "sistemi sempliċi ta' ġenerazzjoni u ta' konsum".

4. Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 91/2014

19. L-Artikolu 24(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 91/2014 [18] jipprovdi:

"Fir-rigward tan-netwerks għal użu intern fis-sens tal-Artikolu 33 tal-Liġi Nru 99/2009, kif emendata sussegwentement, tas-sistemi previsti fl-Artikolu 10(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 115/2008, kif emendat sussegwentement, u tas-sistemi effiċjenti ta' użu fis-sens tal-Artikolu 10(1) tal-istess Digriet Leġiżlattiv, li kienu joperaw sal-31 ta' Diċembru 2014, ħlasijiet bħala kumpens għal spejjeż tas-sistema ġenerali fis-sens tal-paragrafu 1 għandhom, fir-rigward tal-parti varjabbli tagħhom, japplikaw għall-elettriku kkonsmat iżda mhux meħud min-netwerk, b'rata ta' 5 % tal-ħlasijiet unitarji korrispondenti pagabbli għall-elettriku meħud min-netwerk."

5. Id-Deċiżjoni tal-Awtorità Regolatorja għall-Elettriku, il-Gass u l-Ilma Nru 539/2015

20. L-Anness A tad-Deċiżjoni tal-Autorità per l'energia elettrica il gas e il sistema idrico (l-Awtorità Regolatorja għall-Elettriku, il-Gass u l-Ilma) (iktar 'il quddiem l-"AEEGSI") Nru 539/2015 [19] jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li japplikaw għal sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa.

21. L-Artikolu 8 tal-Anness A tad-Deċiżjoni Nru 539/2015 jipprovdi li "netwerk ta' distribuzzjoni magħluqa huwa netwerk b'obbligu li jiġu konnessi biss dawk li jużaw l-elettriku li, għall-finijiet tal-Artikolu 6 ta' din id-deċiżjoni, ikunu jagħmlu parti mill-kategorija ta' dawk li jużawha li jkunu jistgħu jiġu konnessi ma' dak in-netwerk ta' distribuzzjoni magħluqa".

18 Decreto legge 24 giugno 2014, n. 91 – Disposizioni urgenti per il settore agricolo, la tutela ambientale e l'efficientamento energetico dell'edilizia scolastica a universitaria, il rilancio e lo sviluppo delle imprese, il contenimento dei costi gravanti sulle tariffe elettriche, nonché per la definizione immediata di adempimenti derivanti della normativa europea (id-Digriet Leġiżlattiv tal-24 ta' Ġunju 2014, Nru 91, dwar Miżuri Urġenti għas-Settur Agrikolu, il-Ħarsien tal-Ambjent u l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija f'Bini ta' Skejjel u ta' Universitajiet, dwar it-Tnedija u l-Iżvilupp ta' Impriżi, it-Tnaqqis ta' Spejjeż li Jaffettwaw it-Tariffi tal-Elettriku, u dwar l-Implimentazzjoni Immedjata tar-Regoli tal-UE) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 91/2014"). Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 91/2014 kien iktar tard ikkonvertit f'liġi, b'emendi.

19 Deliberazione 12 novembre 2015, n. 539/2015/R/eel dell'Autorità per l'energia elettrica il gas e il sistema idrico – Regolazione dei servizi di connessione, misura, trasmissione, distribuzione, dispacciamento e vendita nel caso di sistemi di distribuzione chiusi (id-Deċiżjoni tat-12 ta' Novembru 2015, Nru 539/2015, tal-Awtorità għall-Elettriku, Gass u Ilma dwar ir-Regolamentazzjoni ta' Servizzi għal Konnessjoni, Tkejjil, Trażmissjoni, Distribuzzjoni, Provvista u Bejgħ fil-Każ ta' Sistemi ta' Distribuzzjoni Magħquda) (iktar 'il quddiem "Deċiżjoni Nru 539/2015"). Id-Deċiżjoni Nru 539/2015 tinsab fis-sit internet ta' AEEGSI, issa l-Autorità di Regolazione per Energia Reti e Ambiente (l-Awtorità Regolatorja għall-Enerġija, Netwerks u Ambjent), fl-indirizz li ġej: https://www.arera.it/it/index.htm.

22. Skont l-Artikolu 10(6) tal-Anness A tad-Deċiżjoni Nru 539/2015, "l-operatur tan-netwerk ta' distribuzzjoni magħluqa, b'rabta mal-obbligi li jikkonċernaw is-separazzjoni ta' kontijiet imsemmija fit-test ikkonsolidat dwar is-separazzjoni kontabbli u s-separazzjoni funzjonali msemmija fit-test ikkonsolidat dwar is-separazzjoni funzjonali, għandu jitqies bħala operatur ta' netwerk ta' distribuzzjoni tal-elettriku b'inqas minn 5 000 punt ta' rtirar" [20].

23. Skont l-Artikolu 22(1) tal-Anness A tad-Deċiżjoni Nru 539/2015, "ir-regoli ta' dispaċċ japplikaw fir-rigward tal-elettriku li jalimenta, u li jittieħed min-netwerk ta' distribuzzjoni magħluqa minn kull utent permezz tal-punt ta' konnessjoni ma' dak in-netwerk."

II. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

24. Solvay Chimica Italia S.p.A. (iktar 'il quddiem "Solvay"), Erg Power S.r.l. u Erg Power Generation S.p.A. (kollettivament, iktar 'il quddiem, "Erg Power"), Eni S.p.A., Enipower S.p.A u Versalis S.p.A. (kollettivament, iktar 'il quddiem, "Eni"), Sol Gass Primari S.r.l u Whirlpool Europe S.r.l. huma proprjetarji jew operaturi ta' netwerks privati għad-distribuzzjoni tal-elettriku li, skont l-Artikolu 38(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011, jitqiesu li huma sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa. Pereżempju, Erg Power S.r.l. hija l-proprjetarju ta', u Erg Power Generation S.p.A. topera, l-IUN taċ-ċentru petrokimiku li jinsab fil-komuni ta' Priolo Gargallo u Melilli (it-tnejn fil-provinċja ta' Siracusa). Dan l-IUN iqabbad ħdax-il impriża ma' impjant tal-enerġija termoelettrika ġestit minn Erg Power S.r.l.

25. Wara l-klassifikazzjoni bħala sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, mill-Artikolu 38(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011, tan-netwerks proprjetà ta' jew operati mill-impriżi msemmija fil-punt preċedenti, l-AEEGSI adottat id-Deċiżjoni Nru 539/2015, li permezz tagħha hija imponiet obbligi ġodda fuq l-operaturi ta' dawk in-netwerks.

26. Għalhekk, dawn l-impriżi, fost oħrajn, ressqu kawża quddiem it-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lombardia) sabiex jiksbu l-annullament tad-Deċiżjoni Nru 539/2015.

27. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostnew li d-Deċiżjoni Nru 539/2015 tissuġġetta lis-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 38(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011 għar-regoli applikabbli għan-netwerk pubbliku [21], mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi ta' dawk tal-ewwel. Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-assimilazzjoni ta' tali sistemi man-netwerk pubbliku huwa inkonsistenti mal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/72.

28. Quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkritikaw l-aspetti segwenti tad-Deċiżjoni Nru 539/2015: (i) l-obbligu impost fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 38(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011 li jqabbdu lil terzi; (ii) l-obbligu ta' separazzjoni kontabbli u funzjonali impost fuq dawk l-operaturi; (iii) l-applikazzjoni ta' tariffi ta' dispaċċ għal kull min juża l-konnessjoni man-netwerk ta' distribuzzjoni magħluqa mingħajr,

20 Ara l-Artikolu 1(r) u (s) tal-Anness A tad-Deċiżjoni Nru 539/2015. It-test ikkonsolidat dwar is-separazzjoni tal-kontijiet huwa stabbilit fl-Anness A tad-deliberazione 22 maggio 2014, n. 231/2014/R/com dell'AEEGSI – Disposizioni in materia di obblighi di separazione contabile (unbundling) per i settori dell'energia elettrica e del gas (id-Deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2014, Nru 231/2014/R/com, ta' AEEGSI dwar l-Obbligu li Jinżammu Kontijiet Separati ("unbundling") fis-Setturi tal-Elettriku u l-Gass). It-test ikkonsolidat dwar is-separazzjoni funzjonali huwa stabbilit fl-Anness A ta' deliberazione 22 giugno 2015, n. 296/2015/R/com dell'AEEGSI – Disposizioni in merito agli obblighi di separazione funzionale (unbundling) per i settori dell'energia elettrica e del gas (id-Deċiżjoni tat-22 ta' Ġunju 2015, Nru 296/2015/R/com, ta' AEEGSI dwar l-Obbligu ta' Separazzjoni Funzjonali fis-Setturi tal-Elettriku u l-Gass). Iż-żewġ deċiżjonijiet jinsabu fis-sit internet ta' AEEGSI.

21 Ara l-punt 35 iktar 'il quddiem.

madankollu, ma dak in-netwerka kollha tiġi ttrattata fl-intier tagħha bħala l-unika sistema li tagħmel użu minn dispaċċ, bħalma kien il-każ fl-preċedentement; u (iv) l-applikazzjoni ta' ħlasijiet ġenerali għall-elettriku għall-konsum tal-elettriku minn kull utent li jkun konness man-netwerk ta' distribuzzjoni magħluqa, anki meta l-elettriku jkun iġġenerat minn dik is-sistema.

29. It-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lombardia) qieset li ma setgħetx issib soluzzjoni għat-tilwima u għamlet id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzija għal deċiżjoni preliminari:

"(1) Id-dispożizzjonijiet [tad-Direttiva 2009/72], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) u (6) u l-Artikolu 28, għandhom jiġu interpretati fis-sens li sistema stabbilita u ġestita minn entità privata, li magħha jkun konness numru limitat ta' unitajiet ta' produzzjoni u ta' konsum, li mbagħad ikunu konnessi mas-sistema pubblika, tikkostitwixxi neċessarjament sistema tal-elettriku, u għaldaqstant "sistema ta' distribuzzjoni" fis-sens ta' din id-direttiva, mingħajr il-possibbiltà li jiġu esklużi minn tali klassifikazzjoni, sistemi privati li jinkludu dawn il-karatteristiċi, li jkunu ġew stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ tad-direttiva u li oriġinarjament kienu intiżi għall-awtoproduzzjoni?

(2) F'każ li r-risposta għad-domanda preċedenti tkun waħda affermattiva, il-klassifikazzjoni ta' sistema tal-elettriku privata fil-kategorija tal-SDM prevista [fid-Direttiva 2009/72] tikkostitwixxi l-unika possibbiltà offruta minn din id-direttiva sabiex jittieħed kont tal-partikolaritajiet tagħha, jew huwa permess li l-leġiżlatur nazzjonali jistabbilixxi kategorija differenti ta' sistemi ta' distribuzzjoni suġġetti għal regoli ssimplifikati, differenti minn dik prevista għall-SDM?

(3) Indipendentement mid-domandi preċedenti, id-direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li l-obbligu ta' konnessjoni ta' terzi huwa impost fil-każijiet kollha fuq is-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa previsti fl-Artikolu 28 [tad-Direttiva 2009/72]?

(4) Indipendentement mid-domandi preċedenti, il-klassifikazzjoni ta' sistema tal-elettriku privata bħala sistema ta' distribuzzjoni magħluqa, fis-sens tal-Artikolu 28 [tad-Direttiva 2009/72], tippermetti lil-leġiżlatur nazzjonali li jipprovdi, favur din is-sistema, sempliċiment għad-derogi mir-regoli ġenerali applikabbli għas-sistema ta' distribuzzjoni previsti espressament mill-Artikolu 28 u mill-Artikolu 26(4) tal-istess direttiva, jew – fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet inklużi fil-"premessi" 29 u 30 tal-imsemmija direttiva – l-Istat Membru huwa permess, jew anki obbligat li jipprovdi għal eċċezzjonijiet oħra mill-applikazzjoni tar-regoli ġenerali applikabbli għas-sistemi ta' distribuzzjoni, b'tali mod li jiħu segwiti l-għanijiet indikati fl-imsemmija "premessi"?

(5) F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li huwa possibbli jew obbligatorju, għall-Istat Membru, li jadotta leġiżlazzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni n-natura speċifika tas-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, id-dispożizzjonijiet [tad-Direttiva 2009/72] – u b'mod partikolari, il-"premessi" 29 u 30, l-Artikolu 15(7), l-Artikolu 37(6)(b), u l-Artikolu 26(4) – jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik rilevanti fil-kawża odjerna, li tissuġġetta s-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa għal regoli, fil-qasam tad-dispaċċ u s-separazzjoni, effettivament identiċi għal dawk applikabbli għal sistemi pubbliċi u li, fil-qasam tal-ispejjeż ġenerali tas-sistema tal-elettriku, tipprovdi li l-ammonti dovuti bħala korrispettiv għal dawn l-ispejjeż għandhom ikunu parzjalment proporzjonali wkoll għall-elettriku kkunsmat fi ħdan is-sistema magħluqa?"

30. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ppreżentati minn Solvay, Erg Power, Eni, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Taljana, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni Ewropea.

31. Bi tweġiba għal talba għal kjarifika mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 101 tar-Regoli tal-Proċedura, it-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lombardia, l-Italja) iddikjarat, b'digriet tat-12 ta' April 2018, li, l-ewwel nett, l-obbligu ta' separazzjoni funzjonali ma japplikax iktar għal operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens

tal-Artikolu 38(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011 [22] u, it-tieni nett, l-Artikolu 24(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 91/2014 kien ġie abrogat, bil-konsegwenza li l-ħlasijiet ġenerali għall-elettriku issa japplikaw għall-elettriku meħud mis-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa min-netwerk pubbliku fl-intier tagħha [23].

32. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju rtirat il-ħames domanda preliminari sa fejn tikkonċerna l-obbligi ta' separazzjoni u ħlasijiet ġenerali għall-elettriku. Madankollu, hija żammet dik id-domanda sa fejn tikkonċerna tariffi ta' dispaċċ.

33. Solvay, Eni, ir-Repubblika Taljana u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw sottomissjonijiet orali fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018.

III. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

34. Għal raġunijiet ta' ċarezza, nixtieq nispeċifika li r-riferiment, fid-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, għat-terminu "in-netwerk pubbliku" għandu jinftiehem bħala riferiment għal distribuzzjoni jew sistemi ta' trażmissjoni operati skont kuntratt ta' konċessjoni. Fil-fatt, skont l-Artikolu 1(1)(u) tal-Anness A tad-Deċiżjoni Nru 539/2015, "netwerk pubbliku" huwa "kull netwerk tal-elettriku operat skont kuntratt ta' konċessjoni għat-trasmissjoni jew għad-distribuzzjoni tal-elettriku", li l-operatur tiegħu "għandu jagħti aċċess lil terzi fuq talba tagħhom" minħabba li huwa jipprovdi servizz pubbliku.

35. Għalhekk, sistemi ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni operati, taħt id-dritt Taljan, skont kuntratt ta' konċessjoni ser jiġu denominati f'dawn il-konkużjonijiet bħala "in-netwerk pubbliku". IUNs [24], in-netwerks privati l-oħra [25] u sistemi sempliċi ta' ġenerazzjoni u konsum [26] ma humiex parti min-netwerk pubbliku.

36. Ser neżamina, l-ewwel nett, jekk sistema maħluqa u operata minn entità privata, li magħha jkunu konnessi għadd limitat ta' unitajiet ta' produzzjoni u konsum, u li min-naħa tagħha tkun konnessa man-netwerk pubbliku, għandhiex titqies bħala "sistema ta' distribuzzjoni" fis-sens tad-Direttiva 2009/72 (l-ewwel domanda preliminari). Minħabba li, fil-fehma tiegħi, dan huwa l-każ, ser neżamina sussegwentement jekk l-Istati Membri jistgħux jeżentaw sistema ta' distribuzzjoni minn obbligi previsti mid-Direttiva 2009/72 biss jekk dik is-sistema tkun tikklassifika bħala sistema ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 28(1) tagħha, jew jekk l-Istati Membri jitħallewx jidentifikaw kategorija oħra ta' sistemi ta' distribuzzjoni li għalihom ikunu jistgħu japplikaw eżenzjonijiet oħra (it-tieni domanda preliminari). Wara, ser nevalwa jekk l-obbligu li jingħata aċċess lil terzi, kif previst fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72, japplikax għal operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa (it-tielet domanda) u jekk ir-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 26(4) u

22 Dan huwa minħabba li l-legge 4 agosto 2017, n. 124 – legge annuale per il mercato e la concorrenza (il-Liġi tal-4 ta' Awwissu 2017, Nru 124 – Liġi Annwali dwar is-Suq u l-Kompetizzjoni) żiedet il-paragrafi 5 bis u 5 ter fl-Artikolu 38(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011, jiġifieri li l-obbligu ta' separazzjoni funzjonali impost fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni ma japplikax għal operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa li jkunu sempliċement meħtieġa jżommu kontijiet separati jekk ikunu jagħmlu parti minn impriża integrata vertikalment. Konsegwentement, l-Awtorità Regolatorja għall-Enerġija, Netwerks u l-Ambjent adottat id-deliberazione 18 gennaio 2018, n. 15/2018/R/com – Esclusione dagli obblighi di separazione funzionale per le imprese di distribuzione elettrica con meno di 25 000 punti di prelievo e per i sistemi di distribuzione chiusi, ai sensi della legge 124/2017 (id-Deċiżjoni tat-18 ta' Jannar 2018, Nru 15/2018/R/com, dwar l-Eżenzjoni mir-Rekwiżiti ta' Separazzjoni Funzjonali għal Distributuri tal-Elettriku b'inqas minn 25 000 punti ta' konnessjoni u għal Sistemi ta' Distribuzzjoni Magħluqa fis-sens tal-Liġi Nru 124/2017).

23 Ara d-decreto legge 30 dicembre 2016, n. 244 – Proroga e definizione di termini (id-Digriet Leġiżlattiv tat-30 ta' Diċembru 2016, Nru 244, dwar l-Estensjoni u d-Definizzjoni ta' Limiti Temporali), li wara sar liġi.

24 Ara l-punt 10 iktar 'il fuq.

25 Ara l-punt 13 iktar 'il fuq.

26 Ara l-punt 18 iktar 'il fuq.

fl-Artikolu 28(2) ta' din id-direttiva humiex l-uniċi rekwiżiti li jistgħu jiġu eżentati minnhom l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa mill-Istati Membri (ir-raba' domanda preliminari). Fl-aħħar nett, ser neżamina jekk id-Direttiva 2009/72 tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika fir-rigward tal-utenti ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa r-regoli applikabbli għall-utenti tan-netwerk pubbliku dwar tariffi ta' dispaċċ (il-ħames domanda preliminari).

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

37. Permezz tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk sistema maħluqa u operata minn entità privata, li magħha jkun konness għadd limitat ta' unitajiet ta' produzzjoni u konsum, u li min-naħa tagħha tkun konnessa man-netwerk pubbliku, għandhiex titqies bħala "sistema ta' distribuzzjoni" fis-sens tad-Direttiva 2009/72, b'mod partikolari, tal-Artikolu 2(5) u (6) u tal-Artikolu 28 tagħha. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk għandux jitqies, f'dan ir-rigward, il-fatt li sistema bħal din inħolqot qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/72, jew li kienet ġiet stabbilita oriġinarjament bħala sistema ta' awtoġenerazzjoni.

38. Hemm lok li nispeċifika li, fil-fehma tiegħi, ir-riferiment, fl-ewwel domanda preliminari, għall-Artikolu 3(5) u (6) tad-Direttiva 2009/72 għandu jinftiehem bħala riferiment għall-Artikolu 2(5) u (6) ta' din id-direttiva. Fil-fatt, l-Artikolu 3(5) u (6) tad-Direttiva 2009/72 jirreferi għal obbligi ta' servizz pubbliku (b'mod iktar speċifiku, għad-dritt tal-konsumaturi li jibdlu fornitur u li jirċievu d-data rilevanti kollha dwar konsum, u għall-obbligu tal-Istati Membri li jagħtu kumpens u drittijiet esklużivi għat-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku b'mod nondiskriminatorju). Din id-dispożizzjoni ftit li xejn hija rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' IUNs u n-netwerks privati l-oħra bħala sistemi ta' distribuzzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(5) u (6) tad-Direttiva 2009/72 ma jissemmiex fil-motivi tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Min-naħa l-oħra l-Artikolu 2(5) u (6) ta' din id-direttiva jissemma fil-motivi ta' dik it-talba. Barra minn hekk, huwa rilevanti għall-ewwel domanda preliminari peress li jagħti definizzjoni tal-kunċetti ta' "distribuzzjoni" u "operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni".

39. Solvay u Erg Power isostnu li s-sistemi maħluqa u operati minn entità privata, li magħhom ikunu konnessi għadd limitat ta' unitajiet ta' ġenerazzjoni u konsum, u li min-naħa tagħha tkun konnessa man-netwerk pubbliku, mhux neċessarjament jikkwalifikaw bħala sistemi ta' distribuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 2(5) u (6) u tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/72. Fil-fehma tagħhom, huwa possibbli li jiġu esklużi minn tali klassifikazzjoni sistemi li jkollhom dawk il-karatteristiċi, li kienu nħolqu qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/72 u li kienu ġew stabbiliti oriġinarjament għall-finijiet ta' awtoġenerazzjoni. ENI tqis li IUNs ma jistgħux jikkwalifikaw bħala sistemi ta' distribuzzjoni fis-sens tad-Direttiva 2009/72.

40. Il-Gvern Taljan isostni li IUNs jikkwalifikaw bħala sistemi ta' distribuzzjoni fis-sens tad-Direttiva 2009/72. Il-Gvern Grieg, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni jqisu li sistema maħluqa u operata minn entità privata, li magħha jkun konness għadd limitat ta' unitajiet ta' produzzjoni u konsum, u li min-naħa tagħha tkun konnessa man-netwerk pubbliku, għandha titqies bħala sistema ta' distribuzzjoni.

41. Kif tinnota l-qorti tar-rinviju, id-Direttiva 2009/72 ma tiddefinixxix il-kunċett "sistema ta' distribuzzjoni". Madankollu, skont l-Artikolu 2(5) ta' din id-direttiva, "'distribuzzjoni' tfisser it-trasport tal-elettriku fuq sistemi ta' distribuzzjoni ta' vultaġġ għoli, vultaġġ medju u vultaġġ baxx bil-ħsieb li dan jitqassam lill-klijenti, iżda mhux inkluża l-provvista"[27] Għaldaqstant, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża citiworks, sistema ta' distribuzzjoni hija sistema użata sabiex tittrasporta l-elettriku f'vultaġġ għoli, medju jew baxx għal bejgħ minn grossisti jew minn klijenti finali[28].

27 Artikolu 2(19) tad-Direttiva 2009/72 jiddefinixxi "provvista" bħala "il-bejgħ, inkluż il-bejgħ mill-ġdid, ta' elettriku lill-klijenti".

28 Sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks, C-439/06, EU:C:2008:298, punt 46.

42. Ma huwiex rilevanti, sabiex jiġi stabbilit jekk netwerk jikkwalifikax bħala sistema ta' distribuzzjoni fis-sens tad-Direttiva 2009/72, jekk dan huwiex konness biss ma' għadd limitat ta' unitajiet ta' ġenerazzjoni u konsum.

43. Fil-fatt, distribuzzjoni hija ddefinita bħala t-trasport tal-elettriku permezz ta' ċerti sistemi, bil-għan li jitwassal lil "klijenti". Ma hemm ebda indikazzjoni fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2009/72 li t-trasport tal-elettriku, bil-għan li jitwassal lil numru żgħir ta' klijenti biss ma għandux jitqies bħala distribuzzjoni fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, ma hemmx raġuni għaliex sistema li tqabbad biss ftit unitajiet ta' konsum u ġenerazzjoni m'għandhiex titqies bħala sistema ta' distribuzzjoni fis-sens tad-Direttiva 2009/72. F'dan ir-rigward, ninnota li s-sistema inkwistjoni fil-kawża citiworks, li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li hija sistema ta' distribuzzjoni fis-sens tad-Direttiva 2009/72, kienet taqdi *għadd limitat* ta' klijenti [29]. Fi kliem il-Qorti tal-Ġustizzja, "[i]l-leġiżlatur [tal-Unjoni] […] ma riedx jeskludi ċerti […] sistemi ta' distribuzzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/54 minħabba d-daqs tagħhom jew il-konsum ta' elettriku tagħhom." [30]

44. Lanqas ma huwa rilevanti, sabiex jiġi stabbilit jekk netwerk jikkwalifikax bħala sistema ta' distribuzzjoni fis-sens tad-Direttiva 2009/72, li huwa jkun inħoloq qabel ma din id-direttiva daħlet fis-seħħ. Id-Direttiva 2009/72 ma tgħidx li ma tapplikax għal sistemi maħluqa qabel id-dħul fis-seħħ tagħha.

45. Fl-aħħar nett, ma huwiex rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk netwerk jikkwalifikax bħala sistema ta' distribuzzjoni fis-sens tad-Direttiva 2009/72, li huwa jkun ġie stabbilit oriġinarjament għall-finijiet ta' awtoġenerazzjoni.

46. Ninnota li, skont l-Artikolu 28(1)(b) tad-Direttiva 2009/72, sistema li "tqassam l-elettriku l-ewwelnett lill-proprjetarju jew lill-operatur tas-sistema jew lill-impriżi relatati tagħhom", tista' tikkwalifika bħala sistema ta' distribuzzjoni maġħluqa (għaldaqstant bħala sistema ta' distribuzzjoni, kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem) [31]. Skont in-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar swieq bl-imnut, l-Artikolu 28(1)(b) tad-Direttiva 2009/72 japplika "fejn impriża tkun ippermettiet lill-utenti biex jikkomunikaw ma' sistema li ġiet żviluppata għal użu proprju tal-impriża" [32]. Inqis li din id-dispożizzjoni tkopri sistemi ta' distribuzzjoni li, bħal IUNs, kienu ġew stabbiliti oriġinarjament għall-finijiet ta' awtoġenerazzjoni [33].

47. Għalhekk ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2009/72 għandhom jiġu interpretati fis-sens li sistema maħluqa u operata minn persuna privata, li magħha huma konnessi għadd limitat ta' unitajiet ta' ġenerazzjoni u ta' konsum, u li min-naħa tagħha hija konnessa man-netwerk prinċipali, hija sistema ta' distribuzzjoni. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li dik is-sistema kienet ġiet stabbilita oriġinarjament bħala sistema ta' awtoġenerazzjoni u li nħloqot qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/72.

29 Ara l-punt 2 iktar 'il fuq.

30 Sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks, C-439/06, EU:C:2008:298, punt 49. Il-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 49 tas-sentenza tagħha fil-kawża citiworks li sistemi ta' distribuzzjoni jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/54 irrispettivament mid-daqs tagħhom jista' japplika għad-Direttiva 2009/72. Dan għaliex il-kliem tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2003/54, li wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-konstatazzjoni msemmija iktar 'il fuq fil-punt 49 tas-sentenza fil-kawża citiworks, huwa kważi identiku għall-kliem tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2009/72. Fil-fatt, l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2003/54 jiddefinixxi distribuzzjoni bħala "it-trasport tal-elettriku fuq sistemi ta' distribuzzjoni ta' vultaġġ għoli, vultaġġ medju u vultaġġ baxx bil-ħsieb li dan jitqassam lill-klijenti, iżda mhux inkluża l-provvista".

31 Ara l-punt 69 iktar 'il quddiem.

32 Ara l-punt 5.2, p. 11 tan-Nota ta' interpretazzjoni tal-Kuymmissjoni dwar swieq bl-imnut.

33 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li meta n-netwerks tal-elettriku kollha ġew nazzjonalizzati fl-1962, netwerks li kienu jgħaqqdu unità ta' ġenerazzjoni waħda ma' unità ta' konsum waħda ma kinux inklużi. Fil-fatt, dawn ma kinux jitqiesu bħala netwerks ta' distribuzzjoni ġenwini minħabba li kienu jgħaqqdu żewġ unitajiet proprjetà tal-istess persuna. Minflok, kienu jitqiesu bħala netwerks ta' awtoġenerazzjoni. Maż-żmien, madankollu, xi whud minn dawk in-netwerks ta' awtoġenerazzjoni evolvew, pereżempju, meta l-unità ta' konsum inbiegħet lil terz, sabiex b'hekk in-netwerk ma kienx jista' jitqies iktar bħala netwerk ta' awtoġenerazzjoni.

C. Fuq it-tieni domanda preliminari

48. Permezz tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Istati Membri jistgħux jeżentaw sistema ta' distribuzzjoni minn obbligi previsti mid-Direttiva 2009/72 biss jekk dik is-sistema tikkwalifika bħala sistema ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 28(1) tagħha, jew jekk l-Istati Membri humiex awtorizzati jidentifikaw kategorija oħra ta' sistemi ta' distribuzzjoni u jeżentaw sistemi li jkunu ta' dik il-kategorija minn obbligi għajr dawk li jistgħu jiġu eżentati minnhom sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa.

49. Solvay, Erg Power u Eni jsostnu li l-leġiżlatur nazzjonali huwa awtorizzat jidentifika kategorija ta' sistemi ta' distribuzzjoni minbarra sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa u jistabbilixxi għal dik il-kategorija sett ta' regoli ssemplifikati ħlief dak applikabbli għal sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa.

50. Il-Gvern Taljan, il-Gvern Grieg, il-Gvern Olandiż u l-Kummissjoni jqisu li d-Direttiva 2009/72 ma tippermettix lill-Istati Membri jipprovdu kategorija ta' sistemi ta' distribuzzjoni għajr sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa u li japplikaw għal dik il-kategorija sett ieħor ta' regoli ssemplifikati.

51. Ninnota li d-Direttiva 2009/72 timponi ċerti obbligi fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni. B'mod partikolari, dawk l-operaturi għandhom jisseparaw funzjonijiet [34] u kontabbiltà [35]. Għandhom ukoll jagħtu aċċess lil terzi abbażi ta' tariffi oġġettivi u nondiskriminatorji [36]. Barra minn hekk, l-enerġija użata sabiex ikun kopert telf u l-kapaċità ta' riżerva għandha tinkiseb mill-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni (fejn għandha tali funzjoni) skont proċeduri trasparenti, nondiskriminatorji u bbażati fuq is-suq [37].

52. Id-Direttiva 2009/72 tipprevedi erba' kategoriji ta' sistemi ta' distribuzzjoni li l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-obbligi previsti minn din id-direttiva, jiġifieri, sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, sistemi iżolati żgħar, sistemi iżolati mikro u sistemi li jaqdu inqas minn 100 000 klijent konness.

53. L-ewwel nett, sistema ta' distribuzzjoni tikkwalifika bħala sistema ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2009/72 jekk jiġu osservati żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel nett, dik is-sistema għandha "tqassam l-elettriku fi ħdan sit ġeografikament imwarrab, li jkun industrijali, kummerċjali jew maqsum" [38]. It-tieni nett, hija għandha jew tqassam l-elettriku lil utenti li l-proċess ta' tħaddim jew ta' produzzjoni tagħhom ikun integrat, jew tqassam l-elettriku primarjament lil proprjetarju jew lill-operatur tagħha. Skont l-Artikolu 28(2) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom is-setgħa jeżentaw lill-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni magħluqa (i) mill-obbligu tal-Artikolu 25(5) tagħha li jakkwista l-enerġija li huwa juża sabiex ikopri t-telf tal-enerġija u l-kapaċità ta' riżerva skont proċeduri trasparenti, nondiskriminatorji u bbażati fuq is-suq u (ii) mill-obbligu skont l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72 li tariffi jiġu appprovati qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ skont l-Artikolu 37 tagħha. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 26(4) tad-Direttiva 2009/72, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw minn obbligi ta' separazzjoni sistemi ta' distribuzzjoni li jaqdu inqas minn 100 000 klijent konness, li aktarx ikun il-każ fir-rigward ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa [39].

34 Ara l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2009/72.

35 Ara l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2009/72.

36 Ara l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72.

37 Ara l-Artikolu 25(5) tad-Direttiva 2009/72.

38 Sistema ta' distribuzzjoni magħluqa ma tistax taqdi klijenti fid-djar, ħlief għal użu inċidentali minn għadd żgħir ta' djar. Ara l-Artikolu 28(4) tad-Direttiva 2009/72.

39 Skont it-Taqsima 5.3 tan-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar swieq bl-imnut, "minħabba l-fatt li joperaw fuq siti ġeografiċi magħluqa u jaqdu biss lil klijenti fid-djar, [operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni] magħluqa ma jkollhomx iktar minn 100 000 klijent. Għalhekk, l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26(4) [tad-Direttiva 2009/72], li jippermettu li l-Istati Membri ma jeżiġux li tali [operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni] jkunu separati."

54. It-tieni nett, sistemi iżolati żgħar huma, skont l-Artikolu 2(26) tad-Direttiva 2009/72, sistemi "b'konsum ta' anqas minn 3 000 GWh fis-sena 1996, fejn anqas minn 5 % tal-konsum annwali jinkiseb permezz ta' interkonnessjoni ma' sistemi oħra". L-Istati Membri huma awtorizzati, skont l-Artikolu 44(1) ta' din id-direttiva, japplikaw derogi mill-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli IV, VI, VII u VIII tagħha (bla ħsara, iżda, għal awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni). Huma awtorizzati wkoll, skont l-Artikolu 26(4) tad-Direttiva 2009/72, jeżentaw sistemi iżolati żgħar minn obbligi ta' separazzjoni [40].

55. It-tielet nett, sistemi iżolati mikro huma, skont l-Artikolu 2(27) tad-Direttiva 2009/72, sistemi "b'konsum ta' inqas minn 500 GWh fis-sena 1996, fejn ma jkun hemm l-ebda konnessjoni ma' sistemi oħra". L-Istati Membri jistgħu, skont l-Artikolu 44(1) tad-Direttiva 2009/72, jeżentaw sistemi iżolati mikro mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli III, IV, VI, VII u VIII tagħha (bla ħsara, mill-ġdid, għal awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni). L-Istati Membri jistgħu wkoll, skont l-Artikolu 26(4) ta' din id-direttiva, jeżentaw mill-obbligi ta' separazzjoni sistemi li jaqdu inqas minn 100 000 klijent konness, li aktarx huwa l-każ fir-rigward ta' sistemi iżolati mikro.

56. Ir-raba' nett, sistemi li jaqdu inqas minn 100 000 klijent konness jistgħu, skont l-Artikolu 26(4) tad-Direttiva 2009/72, jiġu eżentati mill-obbligi ta' separazzjoni previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' din id-dispożizzjoni. Kif imsemmi iktar 'il fuq, sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, sistemi iżolati żgħar u sistemi iżolati mikro jistgħu jaqgħu taħt din il-kategorija.

57. Fil-fehma tiegħi, ma hemmx kategoriji oħra ta' sistemi ta' distribuzzjoni li l-Istati Membri jistgħu jeżentaw minn obbligi previsti mid-Direttiva 2009/72. Kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jagħti lill-Istati Membri s-setgħa li jidentifikaw kategorija oħra ta' sistemi ta' distribuzzjoni u japplikaw eżenzjonijiet għal sistemi li jaqgħu taħt dik il-kategorija, huwa kien jagħmel dan espressament, kif għamel fl-Artikoli 26(4), 28(2) u 44(1) ta' din id-direttiva.

58. Konsegwentement, l-Istati Membri jistgħu biss jeżentaw sistema ta' distribuzzjoni minn obbligi previsti mid-Direttiva 2009/72 jekk din is-sistema tkun sistema ta' distribuzzjoni magħluqa, sistema iżolata żgħira, sistema iżolata mikro jew sistema li taqdi inqas minn 100 000 klijent konness.

59. F'din il-kawża, ma ġiex allegat li IUNs jew in-netwerks privati l-oħra għandhom jitqiesu sistemi iżolati żgħar jew sistemi iżolati mikro. IUNs u n-netwerks privati l-oħra huma, madankollu, ikklassifikati bħala sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa mill-Artikolu 38(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011 [41].

60. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk IUNs u n-netwerks privati l-oħra għandhomx jitqiesu bħala sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2009/72.

61. Madankollu, ninnota li, skont l-Artikolu 33(1)(b) tal-Liġi Nru 99/2009, IUNs għandhom iqabbdu jew "unitajiet ta' konsum *industrijali*" jew "unitajiet ta' konsum *industrijali* u unitajiet ta' ġenerazzjoni tal-elettriku" [42], u għandhom ikunu "jinsabu fit-territorju ta' mhux iktar minn tliet muniċipalitajiet maġenb xulxin, jew mhux iktar minn tliet provinċji maġenb xulxin, biss fejn unitajiet ta' ġenerazzjoni huma ġġenerati minn sorsi rinnovabbli". Għaldaqstant, inqis li l-ewwel rekwiżit skont l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2009/72, li s-sistema tqassam l-elettriku "fi ħdan sit ġeografikament imwarrab, li jkun

40 Ma tkunx meħtieġa deċiżjoni tal-Kummissjoni sabiex Stat Membru jeżerċita l-għażla prevista mill-Artikolu 26(4) tad-Direttiva 2009/72.

41 Skont it-talba għal deċiżjoni preliminari, it-terminu "sistema ta' distribuzzjoni magħluqa" għandu l-istess tifsira skont l-Artikolu 38(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 93/2011 u l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2009/72. Ara l-punt 15 iktar 'il fuq.

42 Enfasi miżjuda.

industrijali", huwa ssodisfatt. Ninnota wkoll li tal-inqas fejn IUNs iqabbdu unitajiet ta' konsum industrijali u unitajiet ta' ġenerazzjoni tal-elettriku "li jkunu funzjonalment essenzjali għall-proċess ta' produzzjoni industrijali", it-tieni rekwiżit skont l-Artikolu 28(1)(a) tad-Direttiva 2009/72, li l-proċess ta' produzzjoni tal-utenti tiegħu jkun integrat, huwa, fil-fehma tiegħi, issodisfatt [43].

62. Għalhekk, ir-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun li l-Istati Membri jistgħu biss jeżentaw sistemi ta' distribuzzjoni minn obbligi previsti mid-Direttiva 2009/72 meta sistemi bħal dawn jikkwalifikaw bħala sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 28(1) tagħha, bħala sistemi iżolati żgħar fis-sens tal-Artikolu 2(26) tagħha, bħala sistemi iżolati mikro fis-sens tal-Artikolu 2(27) tagħha jew meta jaqdu inqas minn 100 000 klijent. L-Istati Membri ma humiex awtorizzati jidentifikaw kategorija oħra ta' sistemi ta' distribuzzjoni u jeżentaw sistemi li jkunu ta' dik il-kategorija minn obbligi għajr dawk li jistgħu jiġu eżentati minnhom sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, sistemi iżolati żgħar, sistemi iżolati mikro jew sistemi li jaqdu inqas minn 100 000 klijent konness.

D. Fuq it-tielet domanda preliminari

63. Permezz tat-tielet domanda l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2009/72 humiex obbligati jagħtu aċċess lil terzi fil-każijiet kollha.

64. Solvay, Erg Power, Eni, il-Gvern Taljan u l-Gvern Grieg iqisu li operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa ma humiex obbligati jagħtu aċċess lil terzi fil-każijiet kollha [44].

65. Il-Kummissjoni tqisi li d-Direttiva 2009/72 ma tippermettix lill-Istati Membri jeżentaw lil operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa mill-obbligu li jagħtu aċċess lil terzi.

66. L-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72 jipprovdi li l-"Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' aċċess […] għas-sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni [bbażata] fuq tariffi ppubblikati, applikabbli għall-klijenti eliġibbli kollha u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni […]". L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li tali tariffi jiġu approvati mill-awtorità regolatorja nazzjonali u ppubblikati qabel ma jidħlu fis-seħħ, skont l-Artikolu 37 ta' din id-direttiva.

67. Skont il-ġurisprudenza, aċċess liberu lil terzi għal sistemi ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni jikkostitwixxi waħda mill-miżuri essenzjali li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw sabiex jikkompletaw is-suq intern tal-elettriku [45]. Dwar dan, il-premessa 4 tad-Direttiva 2009/72 tisħaq li f'kull Stat Membru għadu ma jeżistix aċċess nondiskriminatorju għal netwerks.

68. Fl-opinjoni tiegħi, l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72 jeżiġi li operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa jagħtu aċċess lil terzi.

69. L-ewwel nett, nenfasizza li s-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2009/72 huma sistemi ta' distribuzzjoni [46]. Konsegwentement, l-obbligi kollha imposti fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni huma imposti fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, sakemm din id-direttiva ma tipprovdix mod ieħor.

43 Il-kwistjoni ma tistax tiġi indirizzata fir-rigward tan-netwerks privati l-oħra minħabba li l-qorti tar-rinviju tgħid li ma hemmx definizzjoni ta' dawk in-networks fid-dritt Taljan. Ara l-punt 13 iktar 'il fuq.

44 Il-Gvern Olandiż ma ssottomettiex osservazzjonijiet dwar l-ewwel domanda preliminari.

45 Sentenzi tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298, punt 44); tad-9 ta' Ottubru 2008, Sabatauskas *et* (C-239/07, EU:C:2008:551, punt 33); u tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 76).

46 Kif iddefinit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298, punt 46). Ara l-punt 41 iktar 'il fuq.

70. Dan huwa konsistenti man-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar swieq bl-imnut. Skont it-Taqsima 5.3 tagħha, "sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa huma sistemi ta' distribuzzjoni u ma jikkostitwixxux kategorija ġdida u separata ta' sistemi".

71. Dan huwa wkoll konsistenti mal-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tad-direttiva dwar l-elettriku tat-23 ta' Frar 2017[47]. Din il-proposta żżid il-ħames paragrafu tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/72 (l-Artikolu 38 fil-proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tad-direttiva dwar l-elettriku), li jgħid li "sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa għandhom jitqiesu bħala sistemi ta' distribuzzjoni għall-fini ta' [din] id-[d]irettiva".

72. It-tieni nett, huwa minnu li l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2009/72 jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jistabbilixxu sistema ta' aċċess lil terżi għal sistemi ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni. Madankollu, meta titqies l-importanza tal-prinċipju ta' aċċess liberu għal sistemi ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni[48], din il-marġni ta' diskrezzjoni ma tawtorizzax lill-Istati Membri jmorru lil hinn minn dan il-prinċipju ħlief f'dawk il-każijiet li għalihom id-Direttiva 2009/72 tistabbilixxi eċċezzjonijiet jew derogi[49].

73. F'dan ir-rigward, nosserva li l-Artikolu 28(2)(a) tad-Direttiva 2009/72 ma jippermettix lill-Istati Membri jeżentaw operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa mill-obbligu li jagħtu aċċess nondiskriminatorju lil terzi.

74. Fil-fatt, l-Artikolu 28(2)(a) tad-Direttiva 2009/72 jgħid li l-Istati Membri jistgħu jeżentaw operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni magħluqa "[mill-]obbligu fl-Artikolu 32(1) li tariffi jew metodoloġiji li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tagħhom jiġu approvati qabel id-dħul fis-seħħ skont l-Artikolu 37". Għalhekk, skont l-Artikolu 28(2)(a) tad-Direttiva 2009/72, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw operaturi ta' sistemi tad-distribuzzjoni magħluqa *mill-obbligu ta' approvazzjoni minn qabel tat-tariffi tagħhom*. Dan ifisser li operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa jistgħu jiġu awtorizzati japplikaw tariffi nnegozjati, kif imsemmi fin-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar swieq bl-imnut[50]. Meta tiġi eżerċitata din l-għażla, l-utenti tas-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa jkunu jistgħu, skont l-Artikolu 28(3) ta' din id-direttiva, jitolbu lill-awtorità regolatorja nazzjonali tirrevedi dawk it-tariffi. Madankollu, l-Artikolu 28(2)(a) tad-Direttiva 2009/72 ma jippermettix lill-Istati Membri jeżentaw operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa *mill-obbligu tagħhom li jagħtu aċċess lil terzi*[51].

75. Ninnota wkoll li n-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar swieq bl-imnut tgħid, fit-Taqsima 5.3, li "l-obbligu li jingħata aċċess lil terzi għas-sistema japplika wkoll għal [operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni] magħluqa".

76. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 3(14) tad-Direttiva 2009/72 jiddikjara li l-"Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikol[u] […] 32 […] kemm-il darba l-applikazzjoni tagħhom tkun tista' xxekkel il-prestazzjoni, [fil-fatt u fid-dritt], tal-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-elettriku fl-interess ekonomiku ġenerali […]"[52]. Skont il-ġurisprudenza, l-Istati Membri, għalhekk, huma awtorizzati ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72, li jipprovdi għal aċċess lil terzi, bla ħsara għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(8) tagħha[53].

47 Il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (riformulazzjoni), tat-23 ta' Frar 2017 (iktar 'il quddiem il-"proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tad-direttiva dwar l-elettriku") (COM (2016) 864 final/2).

48 Ara l-punt 67 iktar 'il fuq.

49 Sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, citiworks (C-439/06, EU:C:2008:298, punt 55).

50 Fil-fatt, it-Taqsima 5.5 tan-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar swieq bl-imnut hija intitolata "proċedura ta' reviżjoni għal *tariffi nnegozjati*" (enfasi miżjuda). It-Taqsima 5.5 ta' din in-nota hija tat-Taqsima 5, li tirrigwarda sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa.

51 Ara Johnston, A. u Block, G., EU Energy Law, Oxford University Press, 2012, para. 4.131.

52 Għall-kuntrarju, l-Artikolu 28(2)(a) tad-Direttiva 2009/72 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jeżentaw operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa minn ċertu "rekwiżit" previst fl-Artikolu 32 ta' din id-direttiva, u mhux mill-Artikolu 32 innifsu.

53 Sentenza tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 91).

77. Għalhekk, l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72 jeżiġi li operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa jagħtu aċċess lil terzi, bil-kundizzjoni li, kif jingħad fit-tieni paragrafu ta' din id-dispożizzjoni, dawn ma jkunux nieqsa mill-kapaċità neċessarja.

78. F'din il-kawża, ninnota li, skont l-Artikolu 8 tal-Anness A tad-Deċiżjoni Nru 539/2015[54], IUNs u n-netwerks privati l-oħra ma humiex suġġetti għall-obbligu li jgħaqqdu terzi, filwaqt li l-utenti ta' dawk in-netwerks għandhom dritt li jkunu konnessi man-netwerk pubbliku[55]

79. Għalhekk, jekk IUNs u n-netwerks privati l-oħra jitqiesu bħala sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2009/72, id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti jkunu inkonsistenti mal-Artikolu 28(2)(a) u mal-Artikolu 32 ta' din id-direttiva.

80. Konsegwentement, ir-risposta għat-tielet domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 28(2)(a) u l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72 għandhom jiġu interpretati fis-sens li operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa għandhom jagħtu aċċess lil terzi, sa fejn dawn ikollhom il-kapaċità meħtieġa.

E. Fuq ir-raba' domanda preliminari

81. Permezz tar-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Istati Membri humiex awtorizzati jeżentaw operaturi ta' sistemi tad-distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2009/72 biss abbażi tar-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 26(4) u fl-Artikolu 28(2) tagħha, jew jekk l-Istati Membri humiex awtorizzati jew mitluba jeżentaw dawk l-operaturi minn rekwiżiti oħra msemmija f'din id-direttiva.

82. Solvay issostni li l-Istati Membri huma awtorizzati jeżentaw sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa mhux biss mir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 26(4) u fl-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2009/72, iżda wkoll minn rekwiżiti oħra msemmija fl-istess direttiva sabiex tiġi evitata, kif jingħad fil-premessi 29 u 30 ta' din id-direttiva, l-impożizzjoni ta' piż sproporzjonat jew inġustifikat fuq operaturi ta' dawk is-sistemi. ERG Power tikkondividi l-ħsieb ta' Solvay. ENI ssostni li l-Istati Membri għandhom jeżentaw sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa minn rekwiżiti oħra. Il-Gvern Taljan iqis li sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa jistgħu jiġu eżentati minn rekwiżiti oħra għajr dawk elenkati fl-Artikolu 26(4) u fl-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2009/72 sakemm dan jirriżulta f'sistema ssemplifikata, Il-Gvern Grieg jgħid li s-setgħa tal-Istati Membri li jeżentaw operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa minn rekwiżiti msemmija f'din id-direttiva aktarx ma hijiex limitata għal dawk elenkati fl-Artikolu 26(4) u fl-Artikolu 28(2) tagħha.

83. Il-Gvern Olandiż iqis li l-Istati Membri jistgħu biss jeżentaw sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa mir-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 26(4) u fl-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2009/72. Il-Kummissjoni tissottometti li sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa jistgħu biss jiġu eżentati mir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 25(5) u fl-Artikolu 32(1) ta' din id-direttiva.

84. Fil-fehma tiegħi, l-Istati Membri ma humiex awtorizzati jeżentaw operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa minn rekwiżiti għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 26(4) u fl-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2009/72, jiġifieri, (i) l-obbligi ta' separazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), (2) u (3) ta' din id-direttiva, (ii) ir-rekwiżit tal-Artikolu 25(5) tal-istess direttiva sabiex tinkiseb l-enerġija użata sabiex jiġi kopert t-telf u l-kapaċità ta' riżerva skont proċeduri trasparenti, nondiskriminatorji u bbażati fuq is-suq, u (iii) l-obbligu ta' approvazzjoni minn qabel ta' tariffi mill-awtorità regolatorja nazzjonali eżaminati fil-punti 63 sa 80 ta' dawn il-konklużjonijiet.

54 Ara l-punt 21 iktar 'il fuq.

55 Ara wkoll, fir-rigwad ta' IUNs, l-Artikolu 33(1)(c) tal-Liġi Nru 99/2009 (iċċitat fil-punt 10 iktar 'il fuq) u, fir-rigward tan-netwerks privati l-oħra, id-Digriet Ministerjali tal-10 ta' Diċembru 2010 (iċċitat fil-punt 12 iktar 'il fuq).

85. L-ewwel nett, kif diġà sostnejt iktar 'il fuq [56], sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa huma sistemi ta' distribuzzjoni. Konsegwentement, l-obbligi kollha imposti fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni huma imposti fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, sakemm id-Direttiva 2009/72 ma tipprovdix mod ieħor.

86. It-tieni nett, ninnota li, matul ix-xogħlijiet preparatorji tad-Direttiva 2009/72, il-Parlament Ewropew ippropona li jiżdied paragrafu fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 2003/54 [57] li jgħid li "L-Istati Membri jistgħu jeżentaw siti industrijali mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli III, IV, V, VI u VII" [58]. "Siti industrijali" kienu ddefiniti mill-Parlament bħala "żoni ġeografiċi ta' proprjetà privata b'netwerk ta' enerġija mfassal primarjament sabiex iforni konsumaturi industrijali f'[dawk] iż-żon[i]" [59]. Fil-fehma tiegħi, "siti industrijali" jixbhu s-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa diskussi f'dawn il-konklużjonijiet (li kienu ddaħħlu biss fi stadju iktar tard fid-Direttiva 2009/72). L-emenda tal-Parlament tat lill-Istati Membri s-setgħa jeżentaw "siti industrijali" minn għadd kbir ta' dispożizzjonijiet, b'mod partikolari dawk li kienu dwar it-tħaddim ta' sistemi ta' distribuzzjoni (kif previst fil-Kapitolu V tad-Direttiva 2003/54).

87. Madankollu, id-Direttiva 2009/72 kienet ġiet adottata mingħajr l-emenda tal-Parlament. Dan jissuġġerixxi li l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet li l-Istati Membri jiġu awtorizzati jagħtu lil operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa biss numru limitat ta' eżenzjonijiet mill-obbligi imposti fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni.

88. It-tielet nett, huwa minnu li, skont it-Taqsima 5.3 tan-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar swieq bl-imnut, l-"Istati Membri jistgħu jfasslu regoli speċifiċi u proporzjonali għal [operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni] li jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tagħhom. Dan huwa partikolarment importanti minħabba li n-natura preċiża ta' diversi obbligi fuq operaturi tas-sistema hija stabbiliti mill-Istati Membri u mhux direttament [mid-Direttiva 2009/72]".

89. Madankollu, fil-fehma tiegħi, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni sabiex jimplimentaw l-obbligi msemmija fid-Direttiva 2009/72 (jiġifieri, li jiddefinixxu "in-natura preċiża" ta' tali obbligi). Minħabba li, kif tipprovdi l-premessa 30 ta' din id-direttiva, "piż amministrattiv bla bżonn" ma għandux jiġi impost fuq sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, dawk l-obbligi jistgħu jiġu *aġġustati* mill-Istati Membri sabiex jitqiesu l-karatteristiċi partikolari ta' dawk is-sistemi. Dan ma jfissirx li l-Istati Membri huma awtorizzati *jeżentaw* sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa minn obbligi imposti mid-Direttiva 2009/72.

90. Pereżempju, skont in-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar swieq bl-imnut, l-Istati Membri jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa meta jistabbilixxu regoli għall-ħatra ta' operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni. Din in-nota ma tipprovdix, madankollu, li Stati Membri jistgħu jeżentaw impriżi li huma proprjetarji jew huma responsabbli għal sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa mill-obbligu li jaħtru operatur, skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/72.

56 Ara l-punti 69 sa 71 iktar 'il fuq.

57 Artikolu 26 tad-Direttiva 2003/54 jikkorrispondi għall-Artikolu 44 tad-Direttiva 2009/72.

58 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (ĠU 2009 C 286 E, p. 106).

59 Ara l-Artikolu 1(2)(c) tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 58 iktar 'il fuq.

91. Ninnota wkoll li s-sentenzi msemmija fil-punt 88 iktar 'il fuq jagħmlu parti mit-Taqsima 5.3 tan-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar swieq bl-imnut, intitolata "Kategorija mhux separata ta' sistemi"[60], mhux mit-Taqsima 5.4 ta' din in-nota, intitolata "Eżenzjonijiet speċifiċi" u li tirreferi għall-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2009/72. Dan jikkonferma li s-setgħa tal-Istati Membri li jiddefinixxu "in-natura preċiża" tal-obbligi imposti fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, imsemmija f'dawk is-sentenzi, ma hijiex setgħa ta' eżenzjoni, iżda pjuttost setgħa ta' aġġustament tar-regoli stabbiliti għal operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni li ma jkunux magħluqa.

92. F'dan il-każ, operaturi ta' IUNs u tan-netwerks privati l-oħra huma eżentati minn ċerti obbligi imposti fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni, jiġifieri, (i) l-obbligu li jingħata aċċess lil terzi, u (ii) l-obbligu ta' separazzjoni ta' funzjonijiet[61].

93. L-eżenzjoni mill-obbligu li jingħata aċċess lil terzi ġiet eżaminata iktar 'il fuq. Fir-rigward tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' separazzjoni ta' funzjonijiet, din hija koerenti mas-setgħa mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 26(4) tad-Direttiva 2009/72 li jkunu eżentati minn dak l-obbligu sistemi li jaqdu inqas minn 100 000 klijent konness.

94. Konsegwentement, ir-risposta għar-raba' domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 26(4) u l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2009/72 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lill-Istati Membri milli jeżentaw operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa minn rekwiżiti mhux elenkati f'dawn id-dispożizzjonijiet.

F. Fuq il-ħames domanda preliminari

95. Permezz tal-ħames domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-Direttiva 2009/72, b'mod partikolari l-Artikolu 15(7), l-Artikolu 36(7)(b) u l-premessi 29 u 30 tagħha, jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta lil utenti ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa għar-regoli applikabbli għal utenti tan-network pubbliku fir-rigward ta' tariffi ta' dispaċċ.

96. Kif sostniet il-Kummissjoni fl-Inkjesta dwar is-Settur tal-Enerġija tal-2007[62], "peress li l-elettriku ma jistax jinħażen", u l-istabbiltà tan-netwerk teħtieġ li l-ġenerazzjoni u l-konsum ikunu f'bilanċ il-ħin kollu, "jeżistu sistemi ta' bilanċ u riżerva sabiex jiġi kkumpensat l-iżbilanċ f'ħin reali ta' parteċipanti fis-suq li jirriżultaw minn diskrepanzi bejn […] it-talba għall-elettriku u l-produzzjoni"[63]. Operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni u operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni huma fdati bit-tħaddim ta' dawn is-sistemi[64].

97. L-Artikolu 2(10) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 79/1999[65] jiddefinixxi d-dispaċċ bħala "l-attività ta' ħruġ ta' struzzjonijiet għall-użu kkoordinat u għall-operat ta' unitajiet ta' ġenerazzjoni, tas-sistema ta' trażmissjoni u tas-servizzi awżiljarji". Skont l-Artikolu 1(1) ta' dan id-Digriet Leġiżlattiv, id-dispaċċ huwa servizz pubbliku mwettaq mill-Istat permezz tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali, Terna SpA (iktar 'il quddiem "Terna").

60 It-Taqsima 5.3 ta' dik in-nota hija nnifisha tagħmel parti mit-Taqsima 5, bit-titolu "Sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa".

61 Ara l-punt 31 iktar 'il fuq.

62 Rapport dwar il-Kompetizzjoni tad-DĠ dwar Inkjesta fis-Settur tal-Enerġija tal-10 ta' Jannar 2007 (iktar 'il quddiem l-"Inkjesta fis-settur tal-Enerġija tal-2007") (SEC(2006) 1724). Dak ir-rapport jinsab fis-sit internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/competition/sectors/energy/overview_en.html.

63 Ara l-paragrafu 327 tal-Inkjesta fis-Settur tal-Enerġija tal-2007.

64 Ara l-Artikoli 15 u 25 tad-Direttiva 2009/72.

65 Decreto legislativo 16 marzo 1999, n. 79 – Attuazione della direttiva 96/92/CE recante norme comuni per il mercato interno dell'energia elettrica (id-Digriet leġiżlattiv tas-16 ta' Marzu 1999, Nru 79, li Jimplimenta d-Direttiva 96/92/KE dwar ir-Regoli Komuni għas-Suq Intern tal-Elettriku) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 79/1999").

98. L-utenti tas-sistema jħallsu sabiex jingħataw servizzi ta' dispaċċ. Skont l-Artikolu 22(1) tal-Anness A tad-Deċiżjoni Nru 539/2015, ir-regoli applikabbli għall-utenti ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa fir-rigward ta' tariffi ta' dispaċċ huma dawk applikabbli għall-utenti tan-network pubbliku. L-istess dispożizzjoni tispeċifika li, fir-rigward tal-utenti tas-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, tariffi ta' dispaċċ jiġu applikati "fir-rigward tal-elettriku li jalimenta u li jittieħed mis-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa minn kull utent permezz tal-punt ta' konnessjoni tal-installazzjoni tiegħu ma' dik is-sistema."

99. Tariffi ta' dispaċċ isiru lil Terna, mhux lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa.

[100]. Qabel ma d-Deċiżjoni Nru 539/2015 daħlet fis-seħħ, tariffi ta' dispaċċ kienu applikabbli biss għal elettriku li jalimenta jew li jittieħed min-netwerk pubbliku mis-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa, fl-intier tagħha, permezz tal-punt ta' dik is-sistema konness ma' dak in-netwerk. Dan ifisser li tariffi ta' dispaċċ kienu jiġu applikati biss għal elettriku li jalimenta jew li jittieħed min-netwerk pubbliku. Ma kinux jiġu applikati għal elettriku ġġenerat mis-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa.

101. Solvay, Erg Power, Eni u l-Gvern Grieg isostnu li d-Direttiva 2009/72 tipprekludi l-applikazzjoni għal sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa tar-regoli ta' dispaċċ applikabbli għan-netwerk pubbliku.

102. Il-Gvern Taljan isostni li l-utenti tal-IUNs jistgħu jiddeċiedi li jaggregaw ruħhom f'punt wieħed konness man-netwerk pubbliku, u f'dan il-każ jiġu applikati tariffi ta' dispaċċ biss minn elettriku meħud mill-IUN, fl-intier tiegħu, min-netwerk pubbliku [66].

103. Il-Kummissjoni tqis li d-Direttiva 2009/72 ma tipprekludix l-impożizzjoni fuq l-utenti tal-IUNs ta' regoli dwar dispaċċ applikabbli għall-utenti tan-network pubbliku.

104. Ninnota li, kif argumentat minn ENI, l-utenti tal-IUNs normalment jalimentaw l-elettriku jew jieħdu l-elettriku mill-IUN biss, mhux min-netwerk pubbliku, biex b'hekk servizzi ta' dispaċċ jiġu pprovduti mill-operatur ta' IUN, mhux minn Terna. Huwa biss rarament, meta t-talba għall-elettriku tilħaq livelli mhux mistennija jew ikun hemm interruzzjoni fil-produzzjoni fl-IUN, li l-utenti tal-IUNs jieħdu l-elettriku min-netwerk pubbliku u li dawn jiġu pprovduti servizzi ta' dispaċċ minn Terna.

105. Għalhekk, il-metodoloġija li biha jiġi kkalkolat l-ammont ta' tariffi ta' dispaċċ b'rabta mal-elettriku li jalimenta jew li jittieħed mill-IUN, mhux biss fir-rigward tal-elettriku li jalimenta jew li jittieħed min-netwerk pubbliku, hija inkonsistenti mar-rekwiżit tal-Artikolu 15(7) u tal-Artikolu 37(6)(b) tad-Direttiva 2009/72 li ħlasijiet għal żbilanċ għandhom ikunu "nondiskriminatorji". Fil-fatt, l-utenti tal-IUNs, bħall-utenti tan-network pubbliku, jintalbu jħallsu sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' dispaċċ minn Terna, għalkemm dawk tal-ewwel, mhux bħal tal-aħħar, jingħataw servizzi bħal dawn biss b'mod eċċezzjonali.

106. Barra minn hekk, din il-metodoloġija hija inkonsistenti mar-rekwiżit tal-Artikolu 15(7) u mal-premessa 35 tad-Direttiva 2009/72 li ħlasijiet għal żbilanċi għandhom "jirriflettu l-ispejjeż", u mar-rekwiżit tal-Artikolu 37(6)(b) ta' din id-direttiva li għandhom jingħataw servizzi dwar bilanċi "bil-mod l-aktar ekonomiku possibbli". Dan minħabba li Terna ma kienet ġarrbet ebda spejjeż, jew kellha spejjeż limitati, fir-rigward tal-utenti tal-IUNs.

66 Il-Gvern Olandiż ma ssottomettiex osservazzjonijiet dwar il-ħames domanda preliminari.

107. Konsegwentement, jidhirli li ma tistax tiġi applikata l-istess metodoloġija sabiex jiġu kkalkolati t-tariffi ta' dispaċċ magħmula mill-utenti tal-IUNs u sabiex jiġu kkalkolati t-tariffi ta' dispaċċ magħmula mill-utenti tan-network pubbliku. Tariffi ta' dispaċċ magħmula mill-utenti tal-IUNs għandhom jiġu kkalkolati b'rabta mal-elettriku li jalimenta jew li jittieħed min-netwerk pubbliku. Fil-fatt, dawn il-ħlasijiet għandhom jirriflettu l-ispejjeż magħmula minn Terna SpA sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' dispaċċ lill-utenti tal-IUNs.

108. Ninnota li, fis-seduta orali, il-Gvern Taljan sostna li l-utenti tal-IUNs jistgħu, skont id-dritt Taljana, jaggregaw ruħhom sabiex it-tariffi ta' dispaċċ jiġu kkalkolati b'rabta mal-elettriku li jalimenta jew li jittieħed min-netwerk pubbliku mill-IUN, fl-intier tiegħu. Skont il-Gvern Taljan, jekk l-utenti tal-IUNs jiddeċiedu li jaggregaw ruħhom, it-tariffi ta' dispaċċ jiġu kkalkolati bħal ma kienu kkalkolati qabel ma d-Deċiżjoni Nru 539/2015 daħlet fis-seħħ. Fis-seduta orali, kemm ir-rappreżentanti ta' Solvay kif ukoll ta' Eni wieġbu li, jekk l-utenti tal-IUNs, jaggregaw ruħhom, dan ma jkollu ebda effett fuq il-kalkolu tat-tariffi ta' dispaċċ. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tikkjarifika din il-kwistjoni.

109. Dwar il-kwistjoni marbuta ma' jekk l-għażla li l-elettriku jittieħed min-netwerk pubbliku għandhiex tiġi kkumpensata fiha nnifisha, jiġifieri, anki jekk l-għażla ma tkunx eżerċitata u ma jittiħidx elettriku min-netwerk pubbliku, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex, fil-fehma tiegħi, informazzjoni biżżejjed dwar il-kuntest regolatorju u l-karatteristiċi tas-suq sabiex tindirizza din il-kwistjoni.

110. Għalhekk, ir-risposta għall-ħames domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 15(7) u l-Artikolu 36(7)(b) tad-Direttiva 2009/72 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha tariffi ta' dispaċċ mill-utenti tas-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa lill-operatur tan-netwerk pubbliku jiġu applikati għall-elettriku alimentat minn kull utent lis-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa, jew għall-elettriku meħud minn kull utent mis-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa. Dawn it-tariffi għandhom jiġu applikati biss għall-elettriku alimentat minn kull utent tas-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa lin-netwerk pubbliku, jew għall-elettriku meħud minn kull utent tas-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa min-netwerk pubbliku.

IV. Konklużjoni

111. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta li ġejja għad-domanda preliminari magħmula mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lombardia, l-Italja) kif ġej:

1) L-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li [tħassar i]d-Direttiva 2003/54/KE għandhom jiġu interpretati bħala li jfissru li sistema maħluqa u operata minn persuna privata, li magħha huma konnessi għadd limitat ta' unitajiet ta' ġenerazzjoni u ta' konsum, u li min-naħa tagħha hija konnessa man-netwerk prinċipali, hija sistema ta' distribuzzjoni. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li dik is-sistema kienet ġiet stabbilita oriġinarjament bħala sistema ta' awtoġenerazzjoni u li nħloqot qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/72.

2) L-Istati Membri jistgħu biss jeżentaw sistemi ta' distribuzzjoni minn obbligi previsti mid-Direttiva 2009/72 meta sistemi bħal dawn jikkwalifikaw bħala sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa fis-sens tal-Artikolu 28(1) tagħha, bħala sistemi iżolati żgħar fis-sens tal-Artikolu 2(26) tagħha, bħala sistemi iżolati mikro fis-sens tal-Artikolu 2(27) tagħha jew meta jaqdu inqas minn 100 000 klijent. L-Istati Membri ma humiex awtorizzati jidentifikaw kategorija oħra ta' sistemi ta' distribuzzjoni u jeżentaw sistemi li jkunu ta' dik il-kategorija minn obbligi għajr dawk li jistgħu jiġu eżentati minnhom sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, sistemi iżolati żgħar, sistemi iżolati mikro jew sistemi li jaqdu inqas minn 100 000 klijent konness.

3) L-Artikolu 28(2)(a) u l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/72 għandhom jiġu interpretati fis-sens li operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa għandhom jagħtu aċċess lil terzi, sa fejn dawn ikollhom il-kapaċità meħtieġa.

4) L-Artikolu 26(4) u l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2009/72 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lill-Istati Membri milli jeżentaw operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa minn rekwiżiti mhux elenkati f'dawk id-dispożizzjonijiet.

5) L-Artikolu 15(7) u l-Artikolu 36(7)(b) tad-Direttiva 2009/72 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha tariffi ta' dispaċċ mill-utenti tas-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa lill-operatur tan-netwerk pubbliku jiġu applikati għall-elettriku alimentat minn kull utent lis-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa, jew għall-elettriku meħud minn kull utent mis-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa. Dawn it-tariffi għandhom jiġu applikati biss għall-elettriku alimentat minn kull utent tas-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa lin-netwerk pubbliku, jew għall-elettriku meħud minn kull utent tas-sistema ta' distribuzzjoni magħluqa min-netwerk pubbliku.